MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 10/2006

Victor Cauchi bħala eżekutur testamentarju
tal-mejjet John Debrincat u l-Monsinjur
Lawrence Gatt bħala amministratur ta'
Dar tal-Providenza għal kull interess
Li jista' jkollu.

vs

Mario Tabone

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi nomine li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

1. Illi John Debrincat bin il-mejtin Francis u Josephine nee' Muscat, imwieled Sannat, miet fit-tlettax (13) ta' Diċembru elf disa' mija tlieta u tmenin (1983);

2. Illi l-eredita' ta' John Debrincat hija regolata minn testment unica charta li għamel ma' martu Hilda Debrincat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru elf disa' mija tnejn u tmenin (1982);

3. Illi permezz ta' l-għaxar Artikolu ta' dan it-testment, it-testaturi ħatru lill-esponenti Victor Cauchi bħala eżekutur testamentarju tagħhom;

4. Illi permezz ta' Artikolu sebgha ta' dan it-testment, it-testaturi ordnaw li "***wara l-mest tas-superstiti fosthom, id-dar bla numru u bla isem, Xagħra Road, Marsalforn limiti Xagħra u konfinanti mill-lvant mat-triq, punent ma' beni ta'Central Construction Company Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titlu kif ukoll minn nofsinhar, għandha tinbiegħ mill-infrascritt eżekutur testamentarju tagħhom u r-rikavat iħallu lid-Dar tal-Providenza, tas-Siggiewi, Malta";***

5. Illi inoltre, John Debrincat ordna diversi legati piji fil-ħames u fis-sitt artikolu tal-imsemmi testment, fost oħrajn;

a. Lm150 sabiex tiġi depożitata fil-Kurja u tiġi ċelebrata f'quddies;
b. sehmu minn Lm100 lill-Istitut ta' San Giusepp, Għajnsielem;
c. Sehmu minn Lm100 lill-Patrijiet Kappuċċini, Victoria;
d. Sehmu minn Lm100 lill-Konservatorju Veskovili;
e. Sehmu minn Lm500 lill-Istitu ta' Lourdes;
f. Sehmu minn Lm 20 lill-Qabar ta' Kristu;
g. Sehmu minn Lm 50 lill-Legion of Mary, Għawdex;
h. Sehmu minn Lm100 lill-Oratorju Don Bosco;

6. L-eredi ta' John Debrincat kienet martu Hilda Debrincat;

7. Illi permezz ta' digriet numru 46/2005 mogħti fit-28 ta' Lulju, 2005 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja l-esponent Victor Cauchi inħatar bħala eżekutur testamentarju tal-mejjet John Debrincat;

8. Illi Hilda Debrincat mietet fl-erbgħa (4) ta' Ottubru elfejn u erbgha (2004), u rregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment sigriet tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' April elfejn u wieħed (2001), fejn innominat bħala eredi universali tagħha lill-intimat;

9. Illi jirriżulta li matul il-ħajja tagħha din Hilda Debrincat kienet ikkonċediet il-fond fuq imsemmi b'enfitewsi perpetwa lill-intimat permezz ta' kuntratt pubbliku datat 22 ta' Settembru 1984 fl-atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel versu ċens ta' mija u ħamsin lira Maltija lira Maltija (Lm150) fis-sena;

10. Illi permezz ta' ċedola ta' fidi ppreżentata fit-2 ta' Mejju, 1996 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-intimat feda ċ-ċens versu depożitu ta' tlett elef lira Maltija (LM3,000);

11. Illi Hilda Debrincat bħala l-eredi universali ta' żewġha John Debrincat naqset milli tosserva l-kondizzjoni mposta mit-testatur dwar il-fond fuq imsemmi;

12. Illi bħala eredi ta' Hilda Debrincat, l-intimat għandu obbligu li jħallas il-valur ta' nofs il-fond in kwistjoni fid-data tal-mewt tat-testatriċi lill-esponenti Victor Cauchi nomine;

13. Illi l-intimat ġie debitament interpellat biex iħallas iżca baqa' inadempjenti;

14. Illi inoltre l-intimat ġie mitlub jagħti rendikont dwar jekk Hilda Debrincat u huwa ħallsux il-legati ordnati minn John Debrincat, iżda sal-lum baqa' ma ta ebda risposta.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat bħala eredi ta' Hilda Debrincat, iħallas lill-esponenti dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi, bħala l-valur ta' nofs indiviz tal-fond bl-arja tiegħu Marsalforn limiti tax-Xagħra, Għawdex, Triq Xagħra, u ċioe' in-nofs ġia spettanti lill-mejjet John Debrincat.

2. Tikkundanna lill-intimat bħala eredi ta' Hilda Debrincat jagħti rendikont dwar jekk Hilda Debrincat u huwa hallsux il-legati ordnati minn John Debrincat kif fuq indikat; u dan fi żmien qasir u perentorju illi jiġi ffissat;

3. f'każ illi jirriżulta illi dawn il-legati ma tħallsux, kif ukoll f'każ illi l-konvenut jonqos milli jippreżenta r-rendikont fiż-żmien lilu konċess, tikkundanna lill-istess intimat iħallas dawn il-legati kif hawn fuq indikat.

Bl-imgħax skond il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa mħarrek in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata ta' l-intimat li biha eċċepixxa illi:

1. Illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-unika eredi tal-mejjet John Debrincat kienet martu Hilda Debrincat (liema konjuġi mietu bla prole) u dan skond it-testment unica charta tagħhom tal-21 ta' Ottubru 1982 fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo u senjatament fit-tmien (8) artikolu "*innominaw u istitwew lil xulxin u reċiprokament eredi universali tal-beni tagħhom kollha in ġenerali preżenti u futuri mobbli w immobbli lil xulxin u jagħtu l-fakolta' lil xulxin li s-superstiti fosthom ikun jista' jbiddel il-preżenti dispożizzjonijiet mingħajr ma jinkorri fil-penalitajiet kominati fil-liġi ...".* – vide sentenzi - (i) Aloisio vs Dr Micallef – 2 ta' Jannar 1897 Prim'Awla tal-Qorti Civili, (ii) Albanese vs Grima 27 ta' Ottubru 1899 Prim'awla tal-Qorti Civili;

2. Illi f'ħajjitha u wara l-mewt ta' żewġha b'kuntratt tat-22 ta' Settembru 1984 fl-atti tan-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel ikkonċediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-fond bla numru u bla isem f'Xagħra Road, Marsalforn lill-konjuġi Mario u Josephine Tabone.

3. Illi għalhekk, il-proprjeta' in kwistjoni m'għadhiex fil-massa ereditarja la ta' John Debrincat u lanqas ta' Hilda Debrincat stante li ġiet trasferita b'kuntratt inter vivos mill-istess Hilda Debrincat lil terzi u kif jistipula l-artikolu 743 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-legat għandu jitqies revokat;

4. Illi għalhekk l-atturi m'għandhom dritt għalxejn la fil-proprjeta' in kwistjoni u lanqas mir-rikavat tal-bejgħ ta' l-istess proprjeta' stante illi din ma tifformax parti mill-wirt ta' Hilda Debrincat u wisq inqas ta' John Debrincat;

5. Illi fi kwalunkwe każ, kull dritt li talvolta setgħet kien dovut fuq l-eredita' tal-mejjet John Debrincat illum jinsab preskritt a tenur ta' l-artikolu 845 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi jekk l-attur ippretenda xi drittijiet wara l-konċessjoni enfitewtika perpetwa magħmula minn Hilda Debrincat huwa missu aġixxa entro l-għaxar snin mill-mewt ta' Johnm Debrincat u mhux tlieta u għoxrin sena wara mewtu;

6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tagħha tas-26 ta' Gunju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi nomine talbu li l-konvenut, bħala s-suċċessur ta' Hilda Debrincat, mart u

unika eredi ta' żewġha John, jiġi ordnat jonora diversi legati piji li huwa kien ħalla fit-testment *unica carta* tiegħu magħha.

Il-konvenut, ilwaqt illi ma qal xejn dwar il-legati ta' flus li kienu tħallew lil numru ta' istituzzjonijiet imsemmija f'dak it-testment, oppona t-talba fir-rigward tal-legat fejn kien ġie stipulat illi dar li l-konjuġi Debrincat kellhom f'Marsalforn kellha, wara l-mewt tas-superstiti fosthom, tinbiegħ sabiex ir-rikavat jiġi perċepit mid-Dar tal-Providenza fis-Siggiewi, u dan għal diversi raġunijiet imsemmija fin-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża kienu fil-qosor is-segwenti. John Debrincat, li tiegħu l-attur Cauchi, ġie konfermat bħala eżekutur testamentarju,[1] miet fit-13 ta' Diċembru 1983.[2] Huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment *unica carta* ma' martu Hilda fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-21 ta' Ottubru 1982.[3] Permezz ta' l-artikolu VII ta' dan it-testment, il-konjuġi Debrincat ordnaw li "***wara l-mewt tas-superstiti fosthom, id-dar bla numru u bla isem, Xagħra Road, Marsalforn limiti Xagħra u konfinanti mill-lvant mat-triq, punent ma' beni ta' Central Construction Company Limited jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu kif ukoll min-nofsinhar, għandha tinbiegħ mill-infraskritt eżekutur testamentarju tagħhom, u r-rikavat iħalluh lid-Dar tal-Providenza, tas-Siggiewi, Malta.***" Barra minn hekk it-testaturi ordnaw diversi legati piji fil-V u s-VI artikolu ta' l-istess testment, liema legati ġew indikati fir-Rikors promotur. Hilda Debrincat mietet fl-4 ta' Ottubru 2004,[4] u rregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment sigriet tas-27 ta' April 2001,[5] fejn innominat bħala eredi universali tagħha lill-intimat. Ġara illi ftit wara l-mewt ta' żewġha, l-imsemmija Hilda Debrincat ikkonċediet lill-intimat il-fond imsemmi b'enfitewsi perpetwa, permezz ta' kuntratt in atti Nutar Gerald Zammit Maempel tat-22 ta' Settembru 1984,

---

[1] Dok. E a fol. 13 tal-process
[2] Dok. A a fol. 5
[3] Dok. B a fol. 6 – 7 .
[4] Dok. F a fol. 14
[5] Dok. G a fol. 15 – 16 .

versu ċens ta' mija u ħamsin lira (Lm150) fis-sena.[6] Dan iċ-ċens imbagħad ġie mifdi permezz ta' ċedola ppreżentata f'din il-Qorti mill-intimat fit-2 ta' Mejju 1996.[7] Ftit wara li l-attur Cauchi kien ġie konfermat bħala eżekutur testamentarju ta' John Debrincat huwa, permezz tal-legati tiegħu, talab lill-intimat sabiex iħallas il-legati mħollija mit-testatur.[8] L-intimat wieġeb billi nforma lir-rikorrent illi l-legat imħolli lid-Dar tal-Providenza ma kienx għadu jeżisti, billi d-dar imsemmija fl-istess legat kienet ġiet trasferita lilu minn Hilda Debrincat, l-eredi tal-legatarju,[9] u għalhekk ma kien obbligat iħallas xejn f'dan ir-rigward.

Fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża l-intimat ippreżenta permezz ta' nota, sett ta' riċevuti ta' pagamenti li huwa għamel in konnessjoni mal-legati mħollija fit-testment *unica carta* tal-konjuġi Debrincat u li reġgħu ġew ripetuti fit-testment sigriet ta' Hilda Debrincat.[10] F'dan ir-rigward jirriżulta għalhekk illi l-intimat aċċetta li dawn għandhom jitħallsu, u fil-fatt hekk għamel, għalkemm wara li laħqet ġiet ippreżentata din il-kawża.

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi nvestigat kemm l-intimat huwa tenut jonora l-legat l-ieħor marbut mal-bejgħ tad-dar ta' Marsalforn. Waħda mill-eċċezzjonijiet imqajjma minnu tirrigwarda l-preskrizzjoni deċennali sabiex wieħed jitlob legat lilu mħolli, u dan a tenur ta' l-artikolu 845 tal-Kap. 16. Imma l-intimat donnu nesa illi dan il-legat kien marbut b'kondizzjoni sospensiva illi ma jiġix fis-seħħ qabel il-mewt tas-superstiti fost it-testaturi, u Hilda Debrincat kienet ilha mejta anqas minn sentejn qabel ma ġiet istitwita l-kawża preżenti. Kien minn dakinhar biss li l-eżekutur testamentarju seta' jfittex li jipperċepixxi dan il-legat, u kif intqal: "*Skond l-artikolu 2242 (illum 2137) tal-Kodiċi Civili, l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

[6] Dok. H a fol. 24 - 26
[7] ara Dok. MT 2 a fol. 95
[8] Dok. VC 1 a fol. 73
[9] Dok. VC.2 a fol. 74
[10] ara dokumenti annessi ma' n-Nota ta' l-intimat tal-25 ta' April 2006 a fol. 37 - 58 tal-process.

*Għalhekk it-terminu preskrittiv jibda minn meta l-kreditu jsir eżigibbli*." [11] Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih miċħuda.

L-intimat jikkontendi wkoll illi peress illi t-testaturi kienu taw il-fakolta' lis-superstiti fosthom li jista' jibdel id-dispożizzjonijiet tat-testment *unica carta* tagħhom "*mingħajr ma jinkorri fil-penalitajiet kominati mil-liġi*",[12] Hilda Debrincat bħala eredi unika ta' żewġha, setgħet tagħmel li trid b'dak li wirtet, inkluż li tittrasferixxi id-dar in kwistjoni lill-intimat. Imma kif tajjeb josservaw ir-rikorrenti, it-trasferiment ta' din id-dar lill-intimat ma sarx permezz ta' dispożizzjoni testamentarja, imma b'konċessjoni enfitewtika, u għalhekk dan l-artikolu ma jista' jkollu ebda rilevanza għall-każ in eżami.

L-ahhar eċċezzjoni ta' l-intimat hija fis-sens illi ġialadarba d-dar li kienet l-oġġett tal-legat in kwistjoni laħqet inbiegħet qabel ma ġiet fis-seħħ il-kondizzjoni sospensiva li magħha kien marbut l-istess legat, l-effetti ta' dan il-legat spiċċaw għal kollox. Jidher illi l-artikoli tal-liġi tagħna li l-iktar li jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward huma l-artikoli 717 u 744 tal-Kodiċi Ċivili.

L-artikolu 717 jistipula illi:

**"Il-kondizzjoni li, fil-ħsieb tat-testatur, hija magħmula biss sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tad-dispożizzjoni tat-testment, ma timpedix lill-werriet jew lil-legatarju milli jkollu jedd miksub li jista' jgħaddi lill-werrieta tiegħu, ukoll qabel ma tiġri l-kondizzjoni."**

Dan ġie nterpretat mill-**Laurant** li jfisser illi:

"*Siccome la condizione sospende il legato,si potrebbe credere e si dice talvolta che il legato non esiste, e non produce alcun effetto,finche la condizione non si e' verificata. L'art.1180 statuisce che il creditore puo', prima del verificarsi della condizione, esercitare tutti gli atti*

[11] Diego Attard vs Angelo Fenech: vol. XLVIII. iii. 1419
[12] art. VIII tat-testment tal-21.10.1982

*conservativi del suo diritto. Il creditore ha dunque un diritto,diritto eventuale, diritto che verra' meno se la condizione non si verifica; ma se la condizione si compie, ha effetto retroattivo al giorno dell'apertura del testamento*." [13]

Jigifieri, minkejja li l-legat in kwistjoni seta' jiġi perċepit biss wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi, fil-każ tagħna Hilda Debrincat, il-legatarju, ġialadarba seħħet dik il-kondizzjoni, laħaq akkwista d-drittijiet tiegħu retroattivament b'effett mill-apertura tas-suċċessjoni tat-testatur, u ċioe' mill-mewt tiegħu.

Imbagħad l-artikolu 744 jgħid illi:

**"(1) Il-legat m'għandux effett jekk il-ħaġa tispiċċa għal kollox f'għomor it-testatur.**
**(2) Din l-istess regola tgħodd ukoll jekk il-ħaġa tispiċċa wara l-mewt tat-testatur, mingħajr l-egħmil jew il-ħtija tal-werriet, għad illi dan ikun ġie mqiegħed in mora għall-kunsinna, kemm-il darba l-ħaġa kienet xorta waħda tispiċċa li kieku kienet għand il-legatarju …"**

Dawn id-dispożizzjonijiet ġew imfissra mill-istess awtur fis-sens illi:

"*L'art. 1042* (tal-Kodiċi Napoleoniku korrispondenti għal dan l-artikolu tagħna) *dichiara caduco il legato se la cosa e' totalmente perita mentre il testatore e' ancora in vita. Sara' lo stesso, aggiunge la legge, se venga a perire dopo la sua morte. Quando la cosa legata perisse prima dell'apertura della successione e' vero il dire, secondo la teorica del codice riguardo alla caducita', che il legato cade; esso era valido, vien meno la cosa per un caso fortuito; non vi e' quindi piu' l'oggetto del legato, eppure questo si caduca senza essere infetto di alcun vizio e senza revocazione … Perche' la perdita avvenuta durante la vita del testatore faccia cadere il legato, occorre che sia totale … Se la perdita non e' totale, il legato sussiste per*

[13] Laurant : Principii di Dirito Civile vol. XIII para 537 pag. 462

*la parte che rimane della cosa … Sin qui abbiamo supposto che la cosa perisca per caso fortuito. Che bisogna decidere se perisce pel fatto o per la colpa dell'erede o del testatore? Occorre una nuova distinzione. Se la cosa e' distrutta dall'erede,egli risponde della sua colpa, a norma del diritto comune. Gli e' quanto dice l'art. 1042, secondo alinea:esso pronuncia la caducita' del legato se la cosa perisce dopo la morte del testatore senza il fatto o la colpa dell'erede.* ***Se dunque la cosa e' distrutta pel fatto o per la colpa dell'erede, il legato non e' caduco; val dire che il legatario ha un azione di danni contro l'erede****. E' questa l'applicazione del diritto comune: essendo debitore d'una cosa determinata l'erede e' tenuto per la colpa cosidetta lieve … S'intende da se' che il testatore non risponde ne' del proprio fatto ne' della propria colpa: egli non e' debitore; come proprietario della cosa, puo' distruggerla, se gli garba, senza che il legatario possa addurre alcun suo diritto, giacche' il testatore e' libero di revocare il legato a suo arbitrio*…" [14]

Il-bran meħud mill-**Baudry-Lacantinerie** ċitat mill-intimat fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, m'huwa għalhekk ta' ebda solliev għalieh. Dan għaliex l-aljenazzjoni hemmhekk imsemmja trid tkun saret mit-testatur stess, mentri fil-każ tagħna din ma saritx minnu imma mill-eredi tiegħu. Infatti dan l-awtur jiddiskuti din il-possibilta' fil-parti fejn "*La cosa legata e perita prima dell'apertura del legato,*" [15] u allura meta jkun għadu ħaj it-testatur. Dan l-awtur jaqbel ukoll mal-Laurant illi, bħal ma għandna fil-każ in eżami "*Se il legato e' condizionale, la perdita della cosa, sopravvenuta nell'intervallo tra la morte del testatore e' l'adempimento della condizione, indurra la caducita' del legato. Soltanto, se la condizione si verifica, il legatario,* ***avra' una azione per danni-interessi contro l'erede o il terzo per la colpa o il fatto del quale la cosa legata e' perita***." [16]

---

[14] opus cit. Vol. XIV para.284 - 288 pag .233 - 235.; enfasi tal-Qorti
[15] Baudry-Lacantinerie : Delle Donazioni fra Vivi e dei Testamenti vol. II para. 2875 pag. 426
[16] opus cit. Para.2878 pag. 427; enfasi ta' din il-Qorti

Dan huwa appunta dak li għamlu r-rikorrenti permezz tal-kawża preżenti. Ma setgħux iżjed jitolbu li l-pussess tad-dar in kwistjoni jiġi konsenjat f'idejn l-eżekutur testamentarju ta' John Debrincat, sabiex dan ikun jista' liberament ibiegħha u mbagħad jgħaddi r-rikavat lill-legatarju, kif kien ġie stipulat fit-testment ta' John Debrincat, ġialadarba d-dar kienet laħqet inbiegħet mill-eredi tiegħu qabel ma seta' jingħata effett lil dan il-legat. Imma, sew in konformita' ma' dak li tiddisponi l-liġi w anke d-dottrina legali f'dan ir-rigward, meta l-legat jispiċċa minħabba l-għemil ta' l-eredi, kif ġara fil-każ in eżami, l-istess eredi ma jiġix meħlus mill-obbligu tiegħu versu l-legatarju. Imma  huwa xorta waħda jibqa' responsabbli sabiex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas, billi jikkumpensa lill-legatarju bil-valur li kien iġib il-legat kieku l-oġġett imħolli kien għadu f'idejh.

Fil-każ tagħna, billi d-dar ta' Marsalforn kellha tinbiegħ wara l-mewt tas-superstiti, sabiex jiġi likwidat dan il-kumpens, irid jiġi stabilit il-valur tagħha f'dak il-perijodu, u dan neċessarjament irid isir billi, appuntu kif talbu l-istess rikorrenti fir-Rikors promotur tagħhom, jiġi nominat perit arkitett għal dan il-fini. Stabilit hekk il-valur tad-dar in kwistjoni, nofs dan il-valur, korrispondenti għal sehem id-*decujus* minnha, għandu jiġi mgħoddi mill-intimat, bħala suċċessur ta' l-eredi tat-testatur, lir-rikorrenti Monsinjur Lawrence Gatt nomine, bħala l-legatarju ntitolat għal dan il-kumpens.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi f'dan l-istadju billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tiddikjara illi r-rikorrenti huma ntitolati li jingħataw kumpens għal-legat imħolli minn John Debrincat lid-Dar tal-Providenza s-Siggiewi bit-testment *unica carta* tiegħu tal-21 ta' Ottubru 1982,  liema kumpens għandu jkun nofs il-valur tad-dar imsemmija fis-VII artikolu ta' l-istess testment, fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fosthom Hilda Debrincat, u ċioe' fl-4 ta' Ottubru 2004, kif irid jiġi stabilit mill-A.I.C. Joseph Mizzi li qed jiġi nominat għal dan il-fini.

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------